**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 446/2006**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon, Spettur Pierre Grech, Spettur Raymond Cassar)**

**vs**

**John Mary sive James Axiak**
**(ID 297572 (M))**

**Illum: 16 ta' Dicembru 2020**

Il-Qorti,

Rat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat **John Mary sive James Axiak** jinsab akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-15 ta' April 2006 u matul it-tmien xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

b) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina;

c) U aktar talli sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-16 ta' April 2004, liema sentenza saret definittiva.

Rat it-talba tad-difiża magħmula minnha fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2018, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta[1];

Rat ukoll id-digriet tagħha tal-istess jum, li permezz tiegħu, fuq talba tad-difiża, ħatret bħala espert, lill-Psikologa Forensika Dr. Roberta Holland, sabiex tirrelata lill-Qorti bil-miktub dwar jekk fl-ewwel lok, l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga eroina fiż-żmien tal-każ odjern u ċioe` f'April 2006 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data u fit-tieni lok, kemm il-darba tali dipendenza tirriżulta, jekk din kinitx waħda gravi u medika;

Semgħet u rat ix-xhieda prodotta mid-difiża dwar it-talba tagħha jew li għaliha għamlet referenza l-istess difiża in sostenn tat-talba tagħha, u rat ir-relazzjoni ppreżentata minn Dr. Roberta Holland fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2019, kif ukoll ix-xhieda tagħha tal-istess jum;

Rat ukoll l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difiża u rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-każ, kif ingħad, l-imputat qed jiġi akkużat bi traffikar u pussess aggravat tad-droga eroina, riferibbilment għall-jum tal-15 ta' April 2006 u t-tminn xhur ta' qabel din id-data, kif ukoll talli rrenda ruħu reċidiv, u dan wara li skont it-teżi tal-Prosekuzzjoni, l-imputat allegatament instab fil-pussess ta' qratas kontenenti d-droga eroina u oġġetti oħrajn relatati mad-droga f'żewġ okkażjonijiet ossia fil-31 ta' Ottubru 2005 u fil-15 ta' April 2016 rispettivament.

Mix-xhieda tal-**Uffiċjal tal-*Probation* Ivan Sultana** tal-5 ta' Marzu 2007, maħtur minn din il-Qorti kif diversament preseduta sabiex isegwi lill-imputat fil-mori tal-proċeduri fuq Ordni Temporanja ta' Superviżjoni, jirriżulta illi l-imputat ammetta miegħu illi kellu problema tad-droga. Sa dakinhar, l-imputat kellu kuntatt maċ-Ċentru tad-*Detox.* Skont ix-xhud, l-imputat attenda biss għall-ewwel appuntament li kellu ffissat miegħu, u falla t-tliet appuntamenti li huwa ngħata wara għal fini ta' l-Ordni ta' Superviżjoni.[2] Fix-xhieda tiegħu tat-13 ta' April 2007, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* jixhed għal darb'oħra li l-imputat baqa' m'attendiex għall-appuntamenti mogħtija lilu.[3] Fix-xhieda tal-15 ta' Ġunju 2007, madankollu, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* jgħid illi l-imputat beda jattendi

[1] Ara a fol. 147 tal-proċess.

[2] Ara din ix-xhieda a fol. 38 u 39 tal-proċess.

[3] Ara a fol. 54 u 55 tal-proċess.

b'mod regolari għas-sessjonijiet miegħu. Huwa jixhed illi fiż-żmien ta' din ix-xhieda, l-imputat kellu l-vizzj tad-droga, u li l-istess imputat qallu li kien jieħu l-eroina b'mod regolari. Dak iż-żmien, għalkemm l-imputat beda jattendi l-Aġenzija Caritas, ma kienx hemm motivazzjoni ġenwina da parti tiegħu sabiex jegħleb il-vizzju.[4] L-istess Uffiċjal tal-*Probation* jerġa' jixhed fit-18 ta' April 2008 u dan fis-sens illi l-imputat reġa' m'attendiex għall-appuntamenti mogħtija lilu u li kien qata' wkoll il-kuntatt mal-Aġenzija Caritas.[5]

Xehed ukoll l-**imputat** fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2013, li jgħid illi fis-sena 2005, huwa kien jagħmel użu mid-droga eroina. Mistoqsi jekk kienx juża d-droga kuljum, huwa jgħid illi kien jieħu d-droga "*Darba iva u darba le u gieli kuljum, skont il-flus hux*"[6] u li forsi kien jieħu "*4 darbiet kuljum. Ezattament ma niftakarx*"[7]. Jgħid illi wara dak iż-żmien huwa għamel programm kontra l-vizzju tad-droga ġewwa San Blas u li ma kienx qed jagħmel użu mid-droga. Fiż-żmien tax-xhieda tiegħu, kien għadu qiegħed jattendi l-*Outreach* darba fil-ġimgħa u jħalli l-kampjuni tal-eroina.[8]

Xehed in oltre **Noel Cassar** in rappreżentanza tal-Aġenzija Caritas, li jgħid illi fiż-żmien tax-xhieda tiegħu, ossia fit-13 ta' Frar 2017, l-imputat kien jinsab ġewwa l-programm residenzjali tal-Caritas, f'San Blas, li kien ilu fil-programm tliet xhur u li kien sejjer tajjeb.[9] F'xhieda sussegwenti tat-13 ta' Frar 2019, l-istess **Noel Cassar** jgħid illi l-imputat kien qiegħed il-ħabs u li ma sarx iżjed kuntatt mal-Aġenzija mit-12 ta' Ottubru 2018.[10]

Kif ingħad iżjed 'il fuq, in sostenn tat-talba tagħha u b'mod partikolari għal dak li jiddisponi l-Artikolu 8(2) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, id-difiża talbet lill-Qorti sabiex taħtar espert bil-għan illi jiġi determinat jekk fiż-żmien tal-każ odjern, l-imputat kienx dipendenti fuq l-eroina, u jekk kemm il-darba tali dipendenza tirriżulta, jekk din kinitx waħda gravi u medika. Tajjeb jingħad illi llum il-liġi tirrikjedi biss illi r-reat li bih il-persuna akkużata tkun mixlija jkun sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat, b'dan għalhekk illi m'għadx hemm il-ħtieġa li wieħed juri illi tali dipendenza fuq id-droga kienet ukoll waħda gravi u medika.

[4] A fol. 60 u 61 tal-proċess.
[5] A fol. 71 u 72 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 111 tal-proċess.
[7] A fol. 111 tal-proċess.
[8] Ara din ix-xhieda a fol. 109 sa 121 tal-proċess.
[9] Ara din ix-xhieda a fol. 140 u 141 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 186 sa 188 tal-proċess.

Mir-relazzjoni tal-espert nominata minn din il-Qorti ossia l-Psikologa Forensika Dr. Roberta Holland[11], jirriżulta illi wara li hija assessjat lill-imputat bil-mod spjegat minnha fl-istess relazzjoni tagħha, hija tgħid hekk:

> "Fil-każ ta' l-imputat, peress li hu ma setax jiftakar eżatt il-kronoloġija bid-dati tad-dinamika madwar l-użu tad-droga, ittieħdet l-istorja tiegħu matul dawn l-aħħar ħmistax il-sena. Dan kien mill-2003 l'hawn. Ittieħed dan iż-żmien peress li kien ilu madwar erba' snin wara li kien beda juża l-eroina kuljum u għalhekk dan jikklassifika tali użu bħala wieħed dipendenti. Jidher, li jekk wieħed jinkludi anke żmien ta' astinenza u relapse, jew meta kien qiegħed jieħu xi sostitut fil-forma ta' mediċina (eż. Methadone), f'dawn l-aħħar ħmistax il-sena, l-istorja tiegħu kienet kontinwa u persistenti. Fil-fatt, perjodi sporadiċi ta' astinenza u relapse, u li wieħed jirrikorri għal sostitut ta' l-eroina, huma kkunsidrati bħala sintmi ta' dipendenza. Mill-informazzjoni miġbura mill-intervista klinika, u rrappurtat iżjed il-fuq f'dan ir-rapport, jidher li l-kriterji u sintomi li jistgħu ikunu identifikati huma dawn li ġejjin:
>
> **DSM-5 Opioid Use Disorder (DSM-5, 2013, pg. 541)**
>
> ***A. A problematic pattern of opiod use leading to clinically significant impairment or distress, as manifested by at least two of the following, occuring withing a 12-month period:***
>
> ***Criterion 1: Opioids are often taken in larger amounts OR over a longer period than was intended.*** L-imputat żied fl-użu u fil-frekwenza ftit tax-xhur wara li beda juża l-eroina.
>
> ***Criterion 2: There is a persistent desire or unsuccessful efforts to cut down or control substance use.*** Minkejja li kien induna li l-eroina rikbitu, u xtaq jieqaf, huwa ma rnexxilux. Anke jekk kien hemm xi perijodi fejn huwa waqaf għal xi żmien permezz tal-programm, huwa reġa waqa fil-vizzju wara xi xhur.
>
> ***Criterion 3**: **A great deal of time is spent in activities necessary to obtain the stimulant, use the stimulant, or recover from its effects.*** Il-ħajja ta' l-imputat kienet iddur madwar l-akkwist u l-użu ta' l-eroina. Kif qal hu, "saret parti minn ħajti". Il-ġurnata ma kienet tinkludi l-ebda attivita produttiva ħlief l-isforz li kien jagħmel biex jara kif se jakkwista l-flus ħalli jkollu biex jixtri d-droga.
>
> ***Criterion 4: Craving, or a strong desire or urge to use opioids.*** Bejn darba u oħra, huwa kien ikollu kilba għal-eroina u anke meta kien jieqaf mill-użu, kif jerġa' jiġi f'kuntatt magħha, kien jerġa juża. Dan juri li l-

[11] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 159 *et seq* tal-proċess.

kilba dejjem kienet hemm u dan minn xhin jgħaddu l-effetti tad-doża preċedenti. Il-fatt li reġa rkada anke wara xi xhur wieqaf jindika li l-kilba baqgħet preżenti għal żmien wara d-ditossifikazzjoni.

***Criterion 5: Recurrent substance use resulting in a failure to fulfill major role obligations at work, school, or home.*** L-imputat kien waqa lura fil-pagamenti tar-renta, f'dawk tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma, ma' kumpaniji telefoniċi, u anke tella d-djun. Kien jagħżel li jgħaddi mingħajr affarijiet bżonnjużi u bażiċi, bħal l-ikel, biex ikun jista' jibqa' jieħu d-droga.

***Criterion 6: Continued opioid use despite having persistent or recurrent social or interpersonal problems caused or exacerbated by the effects of the opioids.*** Huwa baqa juża minkejja li spiċċa mingħajr ħbieb li seta' jafda fuqhom għas-sapport, u l-ftit li kellu kienu ġeneralment kriminoġeniċi. Il-ħajja soċjali, kif ukoll personali kienet mimlija minn attivita relatata mad-droga u mat-teħid tad-droga. Huwa spiċċa bil-problemi ma' sid il-kera, fetaħ każijiet kriminali, daħal il-ħabs, u kellu problem ma' l-aġenziji tas-servizzi msemmija aktar 'il fuq.

***Criterion 7: Important social, occupational, or recreational activities given up or reduced because of substance use.*** L-imputat ma baqax jaħdem u ma kienx kapaċi jżomm xogħol regolari. Il-ħajja tiegħu kienet xotta minn attivitajiet produttivi jew sani, kemm fuq livell personali, kif ukoll dak interpersonali. Il-ħajja soċjali kienet imxekkla wkoll diversi drabi mill-fatt li kellu jitlaq kollox u jidħol fil-programm jew il-ħabs.

***Criterion 8**: **Recurrent opioid use in situations in which it is physically hazardous.*** Għalkemm kien joqgħod attent li ma jieħux *overdose*, huwa baqa' jieħu minkejja li l-użu ta' l-eroina huwa minnu fih riskjuż, u minkejja li kien jaf li huwa ta' ħsara għalih. Kellu wkoll esperjenzi fejn meta uża bil-labra, dan kellu konsegwenzi serji, ('*bad hit*'), imma xorta reġa għamel użu mil-labra biex jamministra lilu nnifsu d-droga.

***Criterion 9: Continued opioid use despite knowledge of having a persistent or recurrent physical or psychological problem that is likely to have been caused or exacerbated by the substance.*** Kif intqal iżjed il-fuq, huwa baqa juża minkejja li kien jaf bil-ħsara u l-effetti negattivi li kellha d-droga u d-dipendenza tagħha fuqu u fuq il-ħajja tiegħu.

***Criterion 10:*** *Tolerance, as defined by either of the following:*

***a) A need for markedly increased amounts of the substance to achieve intoxication or desired effect.*** L-imputat kellu jżid fl-ammont sabiex jottjeni l-istess livell ta' effett. L-imputat stqarr ukoll li kien hemm drabi fejn ħa l-*methadone* mid-Detox u xorta uża l-eroina.

***b)	A markedly diminished effect with continued use of the same amount of the substance.*** Huwa kellu jibqa juża sabiex iħossu normali u m'hux biss biex iħoss l-effetti pjaċevoli li kienet ittih l-eroina. Minkejja li kien żied fid-doża, huwa ma rrappurtax li sofra xi *overdose.*

***Criterion 11: Withdrawal, as manifested by either of the following:***

***a)	The characteristic opioid withdrawl syndrome refer to Criteria A and B of the criteria set for stimulant withdrawal).*** Kien hemm perjodi sporadiċi, u anke oħrajn iżjed fit-tul meta kien fi trattament strutturat, jew fil-ħabs, meta huwa waqaf mill-eroina. L-użu tant kien sever (*heavy*), li kellu jieħu sostitut (*methadone*) u mediċini farmakoloġiċi sabiex itaffi l-effetti tan-nuqqas tal-eroina. Biex tingħata l-*methadone*, hija prassi medika li wieħed ikun qed ibati jew ikun mistenni li ser ibati minn sintomi ta' *withdrawals* imsemmija hawn taħt.

***b)	Opioids (or a closely related substance are taken to relieve or avoid withdrawal symptoms.*** Kif intqal iżjed il-fuq, huwa kien ibati minn sintomi ta' *withdrawals* meta ma jieħux eroina, u meta naqqas l-użu, jew waqaf, huwa kien amministrat il-*methadone* u mediċini farmakoloġiċi oħra.

***Opiod Withdrawal (292.20)***

*A. Presence of either of the following:*
*1.	Cessation of (or reducion in) opioid use that has been heavy and prolonged i.e., several weeks or longer).*

*2.	Administration of an opioid antagonist after a period of opioid use.*
*B.	Three (or more) of the following developing within minutes to several days after Criterion A:*
*1.	Dysphoric mood.*
*2.	Nausea or vomiting.*
*3.	Muscle aches.*
*4.	Lacrimation or rhinorrhea.*
*5.	Pupillary dilation, piloerection, or sweating.*

Abbażi ta' l-evalwazzjoni permezz tal-SCID-5-CV, l-imputat jikklassifika bħala li kellu problema ta' dipendenza mid-droga eroina u din kienet ta' livell sever. Il-klassifikazzjoni skond id-DSM-5 hija **Severe Opioid Use Disorder [304.00]**, (DSM-5, 2013, pg. 542). Huwa fil-fatt immarka s-sintomi kollha (ħdax) mis-sintomi indikati sabiex issir djanjożi ta' dipendenza minn sustanzi. Huwa kellu diffikulta fl-oqsma kollha u li jinkludu dawk fin-nuqqas ta' kontroll fl-użu (*impaired control*), diffikultajiet fil-qasam soċjali (*social impairment)*, użu riskjuż (*risky use*), u diffikultajiet farmakoloġiċi (*pharmacological criteria*). Xi wħud minn

> dawn ta' l-aħħar (Criterion 11), dehru l-iżjed fil-perjodi meta l-imputat kien jipprova jieqaf mill-użu, (DSM-5, 2013, pgs. 547-548)."[12]

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, l-espert Dr. Roberta Holland ikkonkudiet bil-mod segwenti dwar l-imputat:

> "Mill-analiżi kollha li saret, u meta wieħed jikkunsidra kemm l-informazzjoni li pprovda l-imputat waqt l-intervista klinika, u anke għal fini tal-assessjar strutturat, wieħed jikkonkludi li l-imputat għandu storja ta' dipendenza mid-droga b'mod partikolari mid-droga eroina. Mill-assessjar strutturat, din id-dipendenza kienet klassifikata bħala waħda severa u cioe gravi. Il-klassifikazzjoni skont id-DSM-5 hija Severe Heroin Use Disorder [304.00]. Jidher ukoll li tali problema kienet ta' livell sever u gravi minn qabel il-każ odjern jiġifieri tista' tkun ikkunsidrata preżenti anke fiż-żmien tal-każ odjern."[13]

Xehed ukoll **CO 16 David Mellors** mill-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin illi spjega li l-imputat daħal il-ħabs fis-16 ta' Ottubru 2018. Dakinhar stess l-imputat intalab jagħti kampjun tal-urina, liema kampjun irriżulta li kien pożittiv għall-morfina. Ittieħed kampjun ieħor tal-urina fis-26 ta' Novembru 2018, liema kampjun irriżulta fin-negattiv għal sustanzi lleċiti.[14]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-espert Dr. Roberta Holland, kif ukoll mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Ivan Mifsud, liema xhieda tmur lura għas-sena 2007, u x-xhieda tal-imputat stess, il-Qorti m'għandhiex dubju illi fiż-żmien tal-każ odjern, l-imputat kellu dipendenza severa fuq id-droga eroina. Tenut kont tan-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat u taċ-ċirkostanzi allegati mill-Prosekuzzjoni, tqis ukoll illi r-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(a) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta jissussistu u li għalhekk ir-reati li bihom jinsab mixli l-imputat kienu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tal-istess imputat fuq id-droga.

In kwantu l-progress li għamel l-imputat fil-ġlieda tiegħu kontra d-droga, l-espert Dr. Roberta Holland tgħid hekk fir-relazzjoni tagħha:

> "…l-imputat daħal fi programm residenzjali madwar sentejn u nofs ilu u segwa dan il-programm għal madwar għaxar xhur. Madankollu huwa kien kiser regola u safa mkeċċi. Minkejja dan, il-Caritas xorta kienu offrewlu l-għajnuna billi għenuh isib xogħol u offrewlu fejn joqgħod sakemm sab xi ftit ta' sabbilita` fil-ħajja. Hua rnexxielu jagħmel madwar sena fil-

[12] Ara a fol. 175 sa 178 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 179 tal-proċess.
[14] A fol. 191 sa 198 tal-proċess.

> komunita` f'liema żmien irnexxilu jibqa mingħajr eroina u kien qiegħed jaħdem. Sfortunatament, hekk kif beda jaffaċċja l-possibilta` li jerġa' jidħol il-ħabs, peress li kellu każ ieħor antik li kien appik li jiġi deċiż, huwa ma kienx jaf jirriżolvi din is-sitwazzjoni u reġa waqa għall-eroina. Hawnhekk wieħed jara n-nuqqas ta' ħiliet ta' *coping* u anke l-effett tad-droga u d-dipendenza tagħha. Wieħed josserva wkoll l-effetti tagħha fuq tul taż-żmien u cioe anke wara pejodu twil minn meta kien waqaf mill-użu. Ta' min jinnota li huwa reġa waqa wara ftit żmien li sab ruħu fil-komunita` u dan ifisser li anke jekk ikun fil-komunita`, huwa importanti li l-imputat iżomm kuntatt kontinwu ma' xi aġenzija li tkun tista' toffrilu s-sapport neċessarju."[15]

Jidher għalhekk illi kien hemm perijodi f'ħajjet l-imputat li fihom huwa għamel sforz u progress sostanzjali sabiex jeħles mill-vizzju tad-droga, tant illi għamel madwar sena l-bogħod minnha. Sfortunament, meta ffaċjat b'sitwazzjonijiet diffiċli, madankollu, huwa reġa' lura għall-użu tad-droga. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti jidhrilha illi l-imputat għandu bżonn l-għajnuna sabiex jitbiegħed darba għal dejjem mid-droga u tenut kont tal-fatt illi huwa jirrispondi tajjeb meta jiġi segwit minn professjonisti f'dan il-qasam u anke wera motivazzjoni sabiex jegħleb il-vizzju meta ngħata l-opportunita`, hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-imputat x'aktarx jiġi rijabilitat mid-dipendenza tiegħu fuq id-droga, u dan fit-termini tal-Artikolu 8(2)(ċ) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti qed tqis ukoll illi fil-każ odjern, m'hemmx ċirkostanzi li jipprekludu l-applikabilita` tal-Artikolu 8 tal-imsemmi Kap. 537.

**Konklużjoni**

Tenut kont ta' dan kollu, f'dan l-istadju l-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u (2) tal-Kap. 537 jissussistu u għaldaqstant qed tilqa' t-talba tal-imputat **John Mary sive James Axiak** u qed tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement qegħda tirreferi lill-istess imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[15] Ara a fol. 179 tal-proċess.